MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru. 177/2003

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo)

Vs

Carmel Borg

Illum 16 ta' Gunju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Borg, ta' 26 sena, iben George u Alfrida nee` Bathhurst, imwieled Pieta` nhar id-9 ta' Novembru, 1981 u residenti 2, Triq tal-Belha, Qormi u li ghandu l-karta ta' l-identita` bin-numru 613781M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Frar, 2003 u matul il-jiem ta' qabel din id-data, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijet tal-Ligi

u li gew maghmula b’ rizoluzjoni wahda, ma riedx jahlef jew jixhed meta hekk kien mehtieg mill-Qorti.

Rat l-artikolu 522(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa akkuzat li f’diversi okkazzjonijiet ma ridx jixhed meta kien hekk mehtieg mill-Qorti.

Illi l-fatti fil-qosor jistghu jigi riassunti hekk:

Illi fil-kors ta’l-investigazzjonijiet taghhom dwar *hold-up* f’bank li fiha nqatel impjegat ta’ l-istess bank, l-pulizija hadu informazzjoni mill-imputat odjern li a tempo vergine rrilaxxja stqarrija u anke ta x-xhiedha tieghu fil-kors ta’l-inkjesta relattiva ghal dak il-kaz. Sussegwentement il-pulizija procediet kontra terzi dwar dik il-*hold-up* u waqt il-kumpilazzjoni l-imputat odjern tressaq bhala xhud.

Illi f’perjodu ta’ hdax il-gurnata bejn l-4 u l-14 ta’ Frar 2003 l-imputat issejjah biex jixhed seba’ drabi; it-traskrizzjoni ta’ kull depozizzjoni giet esebieti f’l-atti odjerni.

Illi huwa relevanti li l-fatti li dwarhom l-imputat gie mitlub jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja kien ta d-dettalji taghhom f’l-istqarrija tieghu ftit anqas minn xahar qabel u cioe fil-11 ta’ Jannar 2003; din l-istqarrija giet konfermata b’gurament l-ghada, cioe fit-12 ta’ Jannar 2003, waqt l-inkjesta quddiem l-Perit Richard Aquilina.

Illi pero jirrizulta li ghall-maggoranza tal-mistoqsijiet li sarulu quddiem l-Qorti Istruttorja l-imputat wiegeb jew “ma nafx” jew “ma niftakarx” jew “ma kontx tajjeb”. Il-ftit mistoqsijiet li rrisponda ma kellhomx x’jaqsmu mal-fatti tal-kaz mertu ta’ dawk il-proceduri.

Illi s-sottomissjoni tad-difieza hija li ladarba l-imputat ta xi forma ta’ risposta ghal mistoqsijiet li sarulu meta kien qed jixhed huwa qatt ma jista’ jinstab hati tar-reat lilu addebietat.

Illi l-iskop ta’ dan l-provvediment tal-Ligi (l-artikolu 522 tal-Kap 9) huwa li jassigura li persuna li tkun taf fatti li jistghu jkunu determinanti ghal xi kaz li jkun qed jinstema’ mill-Qorti tghati dik l-informazzjoni kollha lill-Qorti billi tersaq u taghti x-xhiedha taghha.

Illi qari tat-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet ta’l-imputat odjern fil-proceduri fuq imsemmija ma jhallu l-ebda dubbju li meta kien qed jixhed l-imputat ma ridx jirrakkonta lill-Qorti l-fatti li kien jaf bihom ghalkemm kien ta’ dik l-istess inofrmazzjoni lill-ufficjali investigativi xahar qabel.

Illi bit-twegiebiet tieghu “na nafx” jew “ma niftakarx” jew “ma kontx tajjeb” ghal mistoqsijiet li kienu qed isirulu huwa effettivament kien qed jirrifjuta li jirrispondi dawk l-istess mistoqsijiet u ghalhekk giet pruvata l-imputazzjoni odjerna.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat n-natura u l-iskop tar-reat odjern, kif ukoll n-natura (serjissima) ta’l-imputazzjonijiet li kienu qed jigu trattati fil-kumpilazzjoni li matulha kienet mehtiega x-xhiedha ta’l-imputat odjern u cioe dik ta’ *hold up* li fiha nqatel impjegat tal-bank.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputat li hija wahda netta u l-eta ta’l-imputat meta sehh r-reat kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data tar-reat sa’ llum f’proceduri li suppost jitmexxew b’urgenza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 522(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta’ xahrejn li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------